# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minut tal-ħamsa u tletin (35) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar it-Tlieta 12 ta' April, 2011 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Stephen Mizzi Kunsillier
Rose Roberts Kunsillier
Nadia Zammit Kunsillier
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti tal-laqgħa tqassmu u inqraw.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti ġew approvati unanimament

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

3.1. Ma kienx hemm punti mqajjma.

## 4. Approvazzjoni għall-ordnijiet ġodda

4.1Rigward il-quotations tal-Van is-Segretarju ipprezenta l-quotations u qal li fiz-zmien li kellna stipulat ma rcevejna l-ebda quote pero il-Kunsill dar għal quotes hu u gibna tlieta. Il-Kunsill ma qabilx fuq il-quotations u ser jinġiebu kwotazzjonijiet oħra.

4.2. Is-Sinjura Rose Roberts riedet tagħmel dikjarazzjoni uffiċjali li jekk il-laqgħa ser tibda ssir nhar ta' Tlieta jew nhar ta' Ġimgħa hi mhux ser tattendi u lesta tagħmel ir-rapport lid-Dipartiment.

4.4. Is-Sindku ippropona li jinxtraw tazzi lil Kirkop United F.C tas-Suċċess li kisbu f'dan l-istaġun.

Daħal għal-laqgħa s-Sur Mario Camilleri il-Co-ordinator ta' l-Irkotta fest

4.3. Propju rigward l-irkotta fest ġie maqbul li jinħarġu kwotazzjonijiet fuq il-gazzetta skond il-ligi ta' dwal, light & sound.

## 5. Awtorizzazjoni tal-pagamenti

Il-Pagamenti għaddew kollha apparti l-pagament tat-Tower li qatt ma ġie awtorizzaw mil-laqgħa tal-Kunsill.

Rigward il-pagament tal-ECO Group il-Kunsillier Stephen qal li jaqbel peress li kien permezz ta' quotations pero għad-dwal tas-Sala għandu jinxtara minn supplier ieħor sabiex ma jkunx maqbuż l-ammont stabbilit mil-liġi.

## 6.Affarjiiet oħra

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

**7. Konklużjoni**

7.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm.

| | |
|---|---|
| **Mario Salerno** | **Ranier Busuttil** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |